MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 266/2012

**AB**
**Vs.**
**CB illum D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

1. Illi l-esponenti zzewgu lil xulxin fil-wiehed u tletin (31) ta’ Marzu tas-sena elf disa’ mija u disghin (1990);
2. Illi l-esponenti isseparaw legalment minn xulxin permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Ruben Debono datat 4 ta’ Mejju 2011 u dan wara li gie awtorizzat digriet moghti fit-tnejn (2) ta’ Gunju elfejn u ghaxra (2010) mill-Onorabbli Qorti Civili ta’ Malta (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tal-kawza numru 315/2008 NC;
3. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal EF ta’ ghoxrin (20) sena u G ta’ tnax (12)-il sena;

4. Illi rigward il-minuri G il-partijiet kienu ftehmu s-segwenti skond klawsola 5 fil-kuntatt ta' separazzjoni datat 4 ta' Mejju 2011, "Il-partijiet qeghdin jaqblu u jiddikjaraw illi kwantu ghat-tifel EF m'hemmx kwistjoni ta' kura u kustodja, access u manteniment stante li hu maggorenni, filwaqt illi kwantu ghall-minuri G qed jigi dikjarat li ghalkemm il-minuri G twieldet waqt iz-zwieg ta' bejn il-komparenti, din ma hiex il-wild naturali u bijologika tal-komparenti ragel. Il-partijiet jiddikjaraw illi dwar il-minuri imsemmija hemm pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kawza ta' denegata paternita fl-ismijiet AB vs CB (Rikors No. 308/07NC) li l-partijiet jaqblu li ghandha tipprosegwi u tigi deciza. Illi konsegwentement il-partijiet qeghdin jaqblu u jiftehmu illi l-kura u l-kustodja ta' l-imsemmija minuri ghandha tkun fdata f'idejn il-mara, u l-komparenti ragel mhux ser ikollu ebda dritt ta' access fil-konfront ta' l-imsemmija minuri; illi oltre dan il-partijiet qeghdin jaqblu illi l-komparenti ragel m'huwiex ser jivversa ebda manteniment lill-komparenti mara ghall-imsemmija minuri". Ghal din ir-raguni l-esponeti m'ghandux manteniment x'jivversa ghall-imsemmija minuri;

5. Illi dwar il-manteniment ma hemm xejn dovut stante li l-partijiet iddekadew milli jircievu manteniment minghand xulxin;

6. Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn xulxin sa mis-sena 2004. Fil-fatt CB harget mid-dar matrimonjali fis-26 ta' Frar 2004. Mill-anness rikors guramentat tal-kawza ta' separazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet li kienet giet ceduta minn CB wara li gie redatt kuntratt ta' separazzjoni bonarja, jidher li skond il-premessa numru 4, il-partijiet inghataw digriet appositu biex jimxu bil-kawza ta' separazzjoni fid-data tas-27 ta' Mejju 2008;

7. Illi peress li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u peress li ghaddew iktar minn erba' (4) snin mid-data tas-separazzjoni de facto tal-partijiet;

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab, in vista tas-suespost, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqsekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata illi permezz taghha hija eccepiet :

Illi hija taqbel li hemm lok li jigi mahlul iz-zwieg b'dan illi l-ispejjez kollha ghandhom jigu akkollati kollha lir-rikorrent bhala l-parti li intavola l-proceduri u l-esponenti m'ghandha tbaghti ebda spejjez;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti bhala l-parti li intavolat il-proceduri;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Mejju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lir-rikorrenti jixhed;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi irrizulta illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-4 ta' Mejju 2011, izda ilhom de facto separati sa mis-26 ta' Frar. 2004;

Illi ir-rikorrenti ipprova wkoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi il-partijiet kienu iddekadew milli jircievu manteniment minghand xulxin, u fir-rigward tat-tifla minuri Mireille, ir-rikorrenti ma kienx obbligat illi jivversa manteniment lill-intimata ghall-imsemmija minuri peress illi hemm pendenti kawza quddiem il-Qrati ta' denegata paternita;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------